VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,108, 21 ta' Diċembru, 2018*
*Taqsima B*

**A.L. 441 tal-2018**

## ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIETINDUSTRIJALI (KAP. 452)

### Ordni tal-2018 dwar *Standard* Nazzjonali tal-Inqas Paga Nazzjonali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Ministru għall-Affarijiet Ewropej u Ugwaljanza, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi, għamlet dan l-Ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.** It-titolu ta' dan l-Ordni hu Ordni tal-2018 dwar *Standard* Nazzjonali tal-Inqas Paga Nazzjonali, u dan l-Ordni għandu jiġi fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2019.

L-inqas paga nazzjonali.

**2.** L-inqas paga nazzjonali fil-ġimgħa għal ġimgħa normali ta' xogħol għandha tkun kif ġej:

Ta' età 18-il sena u fuqhom ……………… € 175.84;

Ta' età 17-il sena ………………………… € 169.06;

Taħt is-17-il sena ………………………… € 166.22.

Impjegati *part-time.*

**3.** L-inqas paga nazzjonali ta' impjegati *part-time* għandha tkun ikkalkulata *pro rata* bl-istess rata fis-siegħa ta' impjegat komparabbli *whole-time* li tkun tapplika skont l-inqas paga tal-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi rilevanti, jew f'każijiet fejn Ordni tal-Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi ma tkunx tapplika, b'rata fis-siegħa li ma tkunx anqas mill-Inqas Paga Nazzjonali *Standard* li tkun tapplika, kif stabbilita skont l-artikolu 2 u diviża b'erbgħin (40).

Ordnijiet dwar Kunsilli tal-Pagi li jirregolaw il-Pagi.

**4.** Meta xi Ordni tal-Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi jkun japplika għal xi impjegat, il-pagi li jitħallsu lil dak l-impjegat fir-rigward tas-sena 2019 m'għandhomx ikunu anqas minn dawk stabbiliti b'dak l-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi applikabli għas-sena 2018, aġġustat għall-għoli tal-ħajja b'xi żjidiet ta' pagi dikjarati bħala li jkunu ġeneralment japplikaw għall-impjegati *whole-time* kollha skont l-artikolu 8 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, jew b'xi żjidiet fil-paga għall-għoli tal-ħajja stabbilita b'xi Ordni ta' *Standard* Nazzjonali applikabli fir-rigward tas-sena 2019. Kap. 452.